# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020**

**Talba Numru 318/2019SFJ**

***Vodafone Malta Limited (C10865)***
***vs.***
***Dylan Vella (450693M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erba' mija u wieħed u disgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (€491.02) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11005468 fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimat, oltre l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument X1 – *Statement* li jindika li l-ammont dovut huwa hekk dovut in konnessjoni ma' servizzi reżi bejn l-1 ta' Awwissu 2015 u l-1 ta' Ottubru 2017, liema *statement* jindika l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni; u

ii. Dokument X2 – Affidavit ta' Dr Jeremy Debono datat 6 ta' Ġunju 2018 għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li jikkonferma li l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba għadu dovut u li s-soċjetà attriċi ippruvat tinterpella lill-konvenut aktar minn darba sabiex jersaq għall-ħlas, liema tentattivi kollha irriżultaw fin-negattiv tant li kellha tiġi intavolata din it-talba.

Ra li l-konvenut kienet debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba (ara r-riferta datata 13 ta' Novembru 2019 li tindika li n-notifika saret fid-9 ta' Novembru 2019) u ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019, is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2020, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u wieħed u disgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (€491.02) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**